**Għeluq it-30 Sena mit-Twaqqif tal-Bank Ċentrali ta' Malta**




F'April ta' l-1998 il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ Munita Kommemorattiva tal-Fidda sabiex ifakkar Għeluq it-30 Sena minn Twaqqifu skond il-liġi fis-17 t'April 1968. Il-wiċċ tal-munita fih l-Arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 1998. Fuq l-irġejjen tal-munita jidher bini piramidali li jissimbolizza s-sħuħija finanzjarja u s-saħħa tas-sistema bankarja Maltija, il-kitba "30 Anniversarju Bank Ċentrali ta' Malta 1968-1998", u l-Arma tal-Bank. Id-disinn jissejjes fuq għajn emblematika ddisinjata mill-magħruf Perit Malti Prof. Richard England li tinstab fil-bini l-ġdid tal-Bank Ċentrali fil-f' *James's Counterguard* fil-Belt Valletta. Din il-munita kienet valuta legali f'Malta sal-31 ta' Jannar 2008 u kienet inħadmet fir-*Royal Mint*, fir-Renju Unit. Id-disinn tal-munita hu xogħol l-artist Malta s-Sur Noel Galea Bason.

| Tip | Denominazzjoni | Diametru (mm) | Użin Gross (g) | Titlu | Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 1,500 |